



Stampa u Informazzjoni

Statistika ġudizzjarja 2016: it-tul tal-proċeduri jkompli jonqos għall-benefiċċju taċ-ċittadini

Numru rekord ta' domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja huwa xhieda tal-fiduċja min-naħa tal-qrati nazzjonali, filwaqt li r-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea qed tiġi implementata fil-Qorti Ġenerali.

Is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata minn livell ta' attività għoli ħafna fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, in-numru globali ta' kawżi magħluqa fl-2016 baqa' f'livell għoli (1 628 kawża). Is-sena 2016 kienet ukoll l-aħħar sena tal-eżistenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ¹.


Il-Qorti tal-Ġustizzja

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rnexxielha tagħlaq 704 kawżi fl-2016 (+14 % meta mqabbla mas-sena 2015). Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet iktar kawżi milli rċeviet matul is-sena li għaddiet (692). Dawn iċ-ċifri huma r-riżultat ta' produttività notevoli u wasslu għal tnaqqis żgħir fin-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016 (872).

Fir-rigward tal-kawżi mressqa fl-2016, 470 huma marbuta ma' talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-qrati nazzjonali. Din hija ċifra rekord fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrifletti kemm l-importanza tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari fl-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u kemm il-fiduċja murija mill-qrati nazzjonali f'din il-forma ta' kooperazzjoni ġudizzjarja għall-finijiet tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni uniformi ta' dan id-dritt.

Tendenza notevoli oħra tas-sena li għaddiet tikkonċerna t-tul medju tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward tal-kawżi dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul medju kien, fl-2016, ta' 15-il xahar. **Dan huwa l-iktar tul qasir irreġistrat għal iktar minn tletin sena.** Din iċ-ċifra hija dovuta għall-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja kostantement ttipprova ttejjeb l-effikaċja tagħha billi tuża b'mod razzjonali l-possibiltajiet kollha mogħtija lilha f'dan ir-rigward mir-regoli proċedurali. Fir-rigward tal-appelli, it-tul medju kien ta' 12.9 xhur. Dan huwa l-iktar tul qasir sa mill-ħolqien tal-Qorti Ġenerali. Bħala medja, it-tul globali tal-proċeduri kien ta' 14.7 xhur.

¹ Dan ġie xolt fl-1 ta' Settembru 2016 u l-ġurisdiżjoni sabiex jiġi deċiż fl-ewwel istanza t-tilwim bejn l-Unjoni u l-uffiċjali jew il-membri l-oħra tal-persuna tagħha ġiet ittrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Din il-qorti ddeċidiet, bejn Jannewar u Awwissu 2016, 169 kawża.



	2012	2013	2014	2015	2016
Kawżi mressqa	632	699	622	713	692
Kawżi magħluqa	595	701	719	616	704
Kawżi pendenti	886	884	787	884	872

II-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Minn analiżi tal-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali jistgħu jiġu osservati, essenzjalment, żewġ fenomeni, jiġifieri żieda fin-numru ta' kawżi mressqa u fin-numru ta' kawżi pendenti, minn naħa, u **t-naqqis notevoli fit-tul tal-proċeduri**, min-naħa l-oħra.


In-numru ta' kawżi mressqa żdied bi 17 %, jiġifieri żdied minn 831 kawża fl-2015 għal 974 fl-2016, żieda din li fil-parti l-kbira tagħha kienet dovuta għat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza sabiex jiġi deċiż it-tilwim fil-qasam tas-servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea (li jirrappreżentaw, waħedhom, 163 kawża). In-numru ta' kawżi pendenti żdied bi proporzjonijiet simili, minn 1 267 kawża fl-2015 għal 1 486 kawża fl-2016.

Min-naħa tagħha, il-produttività tal-qorti komplet issegwi r-rendiment milfuq sa mill-2013, bin-numru ta' kawżi maqtugħa fost l-aħjar tliet ċifri milfuq mill-qorti sa mill-foqkien tagħha (755 kawża maqtugħa). It-tnaqqis osservat fil-konfront tas-snin 2015 u 2014 huwa dovut għall-effett ikkombinat tal-organizzazzjoni tal-kawżi li kienu waqgħu lura (b'mod partikolari fl-2015), tat-tiġdid ta' kull tliet snin tal-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali u tar-riorganizzazzjoni interna tal-qorti li kienet meħtieġa minħabba l-integrazzjoni tal-Imħallfin il-ġodda, li matul l-ewwel xhur tal-mandat tagħhom ma jkunux jistgħu jikkontribwixxu b'mod viżibbli u sostanzjali għall-produttività tal-qorti.

Fl-istess fin, it-tul tal-proċeduri, li huwa indikatur importanti tar-rendiment, kompla jsegwi t-tendenza pożittiva tiegħu. Id-dinamika ta' tnaqqis fit-tul tal-proċeduri osservata sa mill-2013 kienet ikkonfermata għal darba oħra, b'medja globali ta' 18.7 xhur (kawżi maqtugħa permezz ta' sentenza jew ta' digriet meta kkunsidrati s-suġġetti kollha), jiġifieri tnaqqis ta' 1.9 xhur meta mqabbla mal-2015 u ta' 8.2 xhur meta mqabbla mal-2013.

Barra minn hekk, b'mod partikolari minħabba r-riorganizzazzjoni tal-Qorti Ġenerali u minħabba l-possibiltajiet ġodda li rriżultaw mill-implementazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, **in-numru ta' kawżi mibgħuta quddiem kulleġġ ġudikanti ta' ħames Imħallfin kien ta' 29 fl-2016**, meta l-medji annwali osservati għal tali kawżi bejn l-2010 u l-2015 kien ta' inqas minn 9 kawżi fis-sena.

Fl-aħħar nett, l-iżvilupp fil-kawżi kien ikkaratterizzat minn żieda fil-kawżi dwar proprjetà intellettuali (+11 %), minn trasferiment tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza sabiex jiġu deċiżi l-kawżi dwar is-servizz pubbliku tal-Unjoni (123 rikors ittrasferit mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku lill-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru u 40 rikors ġdid ippreżentati sal-31 ta' Diċembru 2016, jiġifieri total ta' 163 kawża li jirrappreżenta kważi 17 % tal-kawżi mressqa), minn tnaqqis relattiv fin-numru ta' kawżi dwar miżuri restrittivi (28 kawża mressqa fl-2016), minn żamma f'livell għoli tal-kawżi dwar għajjnuna mill-Istat (76 kawża) – b'mod partikolari fir-rigward tat-tassazzjoni tal-Istati Membri – kif ukoll minn evoluzzjoni ta' sors ġdid ta' kawżi dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar sorveljanza diliġenti fil-konfront tal-istabbilimenti ta' kreditu.



	2012	2013	2014	2015	2016
Kawżi mressqa	617	790	912	831	974
Kawżi magħluqa	688	702	814	987	755
Kawżi pendenti	1 237	1 325	1 423	1 267	1 486

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355